**372. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana, l-Onor. Wistin Abela, jipproponi:**

Billi hemm provdut fis-subartiklu (1) tal-artiklu 3 tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kapitlu 143 tal-Liġijiet ta' Malta) illi l-President jista', minn żmien għall-ieħor, jagħmel, u meta jagħmel ibiddel u jħassar regolamenti dwar l-għoti ta' pensjonijiet, gratifikazzjonijiet u 'allowances' oħra lill-persuni li kienu fis-Servizz ta' Malta jew lir-rappreżentanti legali jew dipendenti tagħhom;

U billi hemm provdut ukoll fis-subartiklu (4) tal-artiklu 3 tal-Ordinanza fuq imsemmija illi ebda regolament magħmul taħt l-istess artiklu 3 ma għandu jkollu effett kemm-il darba ma jkunx irċieva minn qabel l-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati mgħarrfa b'riżoluzzjoni;

U billi din il-kamra tirritjeni li huwa opportun li jsiru r-regolamenti hawn taħt imsemmija;

Għalhekk din il-Kamra tapprova r-Regolament tal-1987 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet li jinsabu annessi ma' din ir-riżoluzzjoni.

**06.02.1987**